**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**27 ta’ Jannar 2021**

**Rikors Numru 78/20**

**Avv. Damien Degiorgio ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Ismail Serdar Yilmaz bhala mandatarju specjali tieghu**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f’Malta (Direttorat ghall-Bastimenti Merkantili)**

## It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat mill-Avv. Damien Degiorgo *nomine* datat 5 ta’ Ottubru 2020 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

“

1. *Illi dan huwa appell, ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta’ Malta, minn deċiżjoni amministrattiva datata 14 ta’ Lulju 2020 tal-Awtorita` għat-Trasport ta’ Malta (Direttorat għall-Bastimenti Merkantili) (“TM”) datata 16 ta’ Settembru 2020, kopja tad-deċiżjoni hawn annessa u mmarkata bħala Dok A, li permezz tagħha TM għar-raġunijiet hemm mogħtija ddeċidiet li l-appellant “has been black listed by this Directorate and shall not be employed to work on any Maltese ship” ;*

2. *Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti:*

3. *Illi fl-1 ta’ Awissu 2020 l-appellant allegatament eżegwixxa manuvra bil-vapur Aleyna Mercan, battenti bandiera Maltija, f’Tershelling/German BighGPS Pos:53 42/434’ N – 006 03’, 266W liema manuvra kienet ravvisata li possibilment kienet saret bi ksur ta’ Colreg 10C within TSS:*

   *(c) A vessel shall, so far as practicable, avoid crossing traffic lanes but if obliged to do so shall cross on a heading as nearly as practicable at right angles to the general direction of traffic flow.*

4. *Illi t-TM investigat l-akkadut u permezz tad-Deċiżjoni kkonkludiet li l-appellant tassew kien kiser ir-regolament indikat u għalhekk ħadet il-passi hawn aktar 'il fuq indikati;*

5. *Illi l-Appellant iħoss ruħu aggravat mid-Deċiżjoni u qiegħed jinterponi dan l-appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal;*

6. *Illi l-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti*

   1. ***L-ewwel Aggravju - Ksur tal-Prinċipju tal-Audi Alteram Partem***

7. *Illi d-deċiżjoni in kwistjoni dwar allegat aġir irregolati tal-appellant ġiet komunikata lill-kumpannija li timpjegah li ġiet ukoll diretta li l-appellant jigi "relieved from all duties and is disembarked at the first available opportunity";*

8. *Illi minkejja li din id-deċiżjoni kjarament taffettwah direttament, billi hija dwaru u dwar l-għejxien tiegħu, l-appellant ftit kellu, jekk kellu, ċans jagħti l-verżjoni tal-fatti tiegħu u jiddefendi ruħu minn deċiżjoni li kjarament taffettwah f'mod gravi ħafna;*

9. *Illi tant hu hekk li d-deċiżjoni in kwistjoni lanqas biss ġiet komunikata direttament lilu iżda lill-kumpannija indikata u kien biss wara li ingħatat id-deċiżjoni li l-appellant ta rendikont dettaljat taċ-ċirkostanzi tal-każ 9ara ittra hawn annessa u mmarkata Dok B);*

10. *Illi l-qrati tagħna spiss kellhom l-opportunita li jesprimu ruħhom fuq il-ksur tal-prinċipju tal-audi alteram partem, ara d-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell kif diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha tas-27 ta' Mejju 2015 fl-appell fl-ismijiet Alberta vs Direttur Kuntratti et (34/2012EG) fejn il-Qorti abbraċċjat u kkonfermat is-segwenti prinċipji (enfażi tal-appellanta):*

    *"Ir-regola 'audi alteram partem' ghandha tigi skrupolozament osservata, u l-partijiet ghandhom id-dritt li jkunu prezenti fl-investigazzjonijiet li jaghmel id-delegat tal-Board, biex ikunu jistghu jikkontrollaw l-informazzjonijiet li jigu moghtija lil dak iddelegat ghall-finijiet ta' dik l-investigazzjoni. **Il-vjolazzjoni tar-regola 'audi alteram partem' taghti lok ghas-sindakat tal-Qrati ordinarji, li jistghu, anzi ghandhom, jirritjenu null dak li jkun sar in konsegwenza tal-vjolazzjoni - kif sar f'dan il-kaz.** Din ir-regola 'audi alteram partem' hija regola ta' gustizzja naturali, u bhala tali hija ta' interess publiku; u ghalhekk ma hiex rinunzjabili ' per simpliciter', billi jinghad illi kien hemm akkwijexxenza mill-parti li giet pregudikata bil-vjolazzjoni ta' dik ir-regola". PA Antonio Sammut vs John Bell McCance ne 29/05/1946*

    *"Il-principju "audi alteram partem" huwa principju fundamentali mixhut fuq kull min gie mghoni b'poter li jiddeciedi. L-awtur S.A. de Smith fil-ktieb "Constitutional and Administrative Law" (Penguin Books, 3rd Edit.) jghid, a pagna 564, li dan il-principju, "Is the more interesting and important rule of natural justice. In its crudest form, it means that **nobody shall be penalized by a decision of a court or tribunal unless he has been given (a) prior notice of the charge or case he has to meet, and (b) a fair opportunity to answer the case against him and to put his own case"**. Fil-kawza famuza ingliza "Ridge vs Baldwin, deciza mill-House of Lords fl-1964, intqal li d-dritt ghall-smiegh xieraq "is a rule of universal application", u Lord Loreburn, fil-kawza "Board of Education vs Rice", deciza wkoll mill-House of Lords fl-1911, kien qal li d-*

*dover li jaghti smiegh xieraq hu impost "upon every one who decides anything." PA Antonio Sammut vs John Bell McCance ne 29/05/1946;*

11. *Illi għalhekk il-ksur ta' dan il-pinċipju għandu awtomatikament iġib in-nullita tad-deċiżjoni tal-awtorita appellata li ma tatx opportunita adegwata lil appellant sabiex jiddefendi ruħu, tant li saħansitra lanqas biss ġie notifikat bid-deċiżjoni in kwistjoni;*

***It-Tieni Aggravju – nuqqas ta motivazzjoni***

12. *Illi permezz ta' dan l-aggravju, mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċedenti, l-appellant jissottometti umilment li d-Deċizjoni hija nulla stante li hija nieqsa min kwalsiasi forma ta' motivazzjoni minkejja r-riperkussjoni serji tagħha;*

13. *Illi ħarsa lejn id-Deċizjoni, cioe ittra ta' paġna, turi biċ-ċar li l-awtorita kull ma tagħmel hu li ssib lill-appellant responsabbli tal-ksur tal-artiklu preċitat u tippenalizzah għal dan il-ksur, waqt li saħansitra tidderiġi lill-proprjetarji tal-Bastiment sabiex kemm jista jkun malajr jeħilsu minnu minn fuq il-bastiment, mingħajr qajla tiddedika sentenza biex tispjega għalfejn u għalxiex sabet il-ħtija u wisq anqas sabiex tispjega għalfejn tħoss li talli nuqqas ghandu jwassal ghall-piena daqstant iebsa;*

14. *Illi l-appellant jistħoqqlu jkun jaf x'inhu r-raġunament wara deċizjoni daqstant iebsa kontrih u deċizjoni li hija priva minn tali spjegazzjoni għandha bid-dovut rispett titqies bħala nulla u bla effett;*

15. *Illi fil-fatt din id-deċiżjoni lanqas tagħti l-oppotunita lill-appellant jikkritika direttament ir-raġunament tat-TM stante li din żammet tali ħsieb għaliha mingħajr ,a spjegat għalfejn waslet għall-konklużjoni tagħha;*

16. *Illi għalhekk l-appellant jikkontendi li dan l-aggravju jistħoqqlu jintlaqa' u s-sentenza tiġi dikjarata nulla;*

***It-Tielet Aggravju - ksur tar-regolamenti***

17. *Illi permezz ta' dan l-aggravju u mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti l-appellant qiegħed jikkontesta il-konklużjoni tat-TM fid-Deċiżjoni tagħha u cioe li kien hemm ksur tar-regolament ta' "Colreg 10C within TSS":*

    *(c) A vessel shall, so far as practicable, avoid crossing traffic lanes but if obliged to do so shall cross on a heading as nearly as practicable at right angles to the general direction of traffic flow.*

18. *Illi bħala l-ewwel punt għandu jingħad li l-allegata manuvra in kwistjoni ma kellha ebda eżitu negattiv fis-sens li ma kienx hemm inċidenti jew danni li skaturew mill-manuvra in kwistjoni u għalhekk l-appellant qiegħed jiġi penalizżat purament minħabba l-manuvra, allegatament erroenja u mhux minħabba xi inċident li seħħ bħala riżultat tagħha billi ma kien hemm ebda inċident konsegwenti;*

19. *Illi l-appellant huwa ben konxju mir-responsabilitajiet tiegħu u jirrimarka li filwaqt li hu ma mexiex fedelment mad-dettami tar-regolament ċitat mill-Awtorita dan għamlu*

*billi l-manuvra in kwistjoni setgħet, dato id-daqs mhux kbir tal-vapur in kwistjoni, tikkreja riskju għall-bastiment u speċjalment għall-ekwipaġġ abbord;*

20. *Illi fil-fatt f'bastimenti tad-daqs relattivament żgħir bħal Aleyna Mercan, li ddur f'anglu ta' 90 grad u billi titnaqqas drastikament il-veloċita' tal-Bastiment, kif meħtieġ mir-regolament, f'ċirkostanzi fejn ma jkun hemm ebda traffiku, huwa riskjuz u fil-fatt huwa biss suġġerit f'ċirkostanzi ta' emerġenza u mhux f'ċirkostanzi bħal dawk li kien jinsab fihom l-appellant;*

21. *Illi fil-fatt il-qlib in kwistjoni sar mingħajr ebda problemi u mingħajr ebda konsegwenza u kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell l-appellant ħa d-deċiżjoni in kwistjoni mhux bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila iżda purament sabiex ma jpoġġiex l-ekwipaġġ u l-Bastiment f'periklu f'ċirkostanzi ma kienux jirrikjedu li tittieħed din il-manuvra;*

22. *Illi kif jirriżulta ampjament mill-annessa ittra li l-appellant bagħat lill-awtorita appellata wara li sar jaf bid-deċiżjoni (hawn annessa u mmarkata Dok B) l-appellant huwa bniedem ta' esperjenza estensiva u dejjem tħarreġ fl-aktar mod komplet biex jasal fejn wasal illum, fejn is-sena l-oħra hu kkwalifika u ngħata l-inkarigu li jkun Kaptan ta' Bastiment li jġorr prodotti kimiċi;*

23. *Illi fil-fatt dan għandu jirriżulta ukoll mill-fatt li audits u spezzjonijiet li saru fuq il-bastimenti li fuqhom ħadem l-appellant qatt ma ġie riskontrat ebda nuqqas;*

**24.** *Illi għalhekk bid-dovut rispett l-appellant jissottometti li dan l-aggravju jistħoqqlu li jintlaqa u li d-deċiżjoni tiġi mħassra;*

***<u>It-Tielet Aggravju - Piena Sproporzjonata u Eċċessiva</u>***

25. *Illi permezz ta' dan l-aggravju u mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti l-Appellant iirrileva li minbarra dak suespost f'kull każ il-piena in kwistjoni u cioe effettivament black listing għall-għomor l-appellant milli jerġa jaħdem fuq bastiment battenti bandiera Maltija hija eċċessiva u sproporzjonata;*

26. *Illi l-kwalifiki u l-esperjenza tal-appellant jitkellmu għal kapċitajiet tiegħu, kif jagħmlu ukoll l-fatti, u cioe li hu qatt ma kellu ebda problema ma' l-awtoritajiet, la-nqas waqt audits relattivi għall-eżekuzzjoni ta' xogħolu u għalhekk l-appellant iħossu ferm aggravat bid-deċiżjoni tal-awtorita li essenzjalment se ċaħħdu mill-għejxien tiegħu għal dejjem;*

27. *Illi fil-fatt l-appellant huwa speċjalizzat biex jaħdem bħala Kaptan ta' bastimenti li jġorru prodotti kimiċi liema tip ta' bastiment huma fil-maġġoranza kbira tagħhom reġistrati taħt il-bandiera Maltija b'dan li għalhekk l-appellant ġie teknikament bla possibilita ta' impjieg u dan mingħajr ma ngħata possibilita adegwata sabiex jiddefendi ruħu;*

28. *Illi għahekk il-black listing għall-perijodu indefinit qiegħed, fil-prattika, iċaħdu mill-opportunita' li jeżerċita l-professjoni li tħarreġ ghaliha ghal dejjem u dato ċ-ċirkostanzi din tidher li hija deċiżjoni sproporzjonata u kiefra wisq;*

29. *Illi dan qed jingħad stante li mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, kieku biss għall-grazzja tal-argument kellu jiġi argumentat (iżda mhux konċess) li l-appellant kkommetta infrazzjoni, sospensjoni għal terminu raġonevoli jew multa ta' ammont raġonevoli kienu jkunu miżuri ferm aktar idoneji għall-fattispecie tal-każ, speċjalment meta wieħed iqis li hu l-anqas ingħata ċans jiddefendi ruħu u għamel il-manuvra in kwistjoni sabiex ma jikkawżax sitwazzjoni ta' riskju meħtieġ kemm għall-bastiment kif ukoll u ferma aktar importanti, għall-ekwipaġġ;*

30. *Illi l-appellant huwa għalhekk tal-fehma li d-deċiżjoni appellata hija eċċessiva billi jekk kien hemm nuqqas, ma kienx wieħed li wassal għal xi dannu u għalhekk projbizzjoni milli jaħdem fuq kwalunkwe vapur Malti essenzjalment mingħajr ebda terminu għal meta tali projbizzjoni tapplika, hija bid-dovut rispett eċċessiva għall-aħħar;*

31. *Illi d-deċiżjoni, minbarra milli hija oċċettivament eċċessiva meta tqis l-esperjenza u l-istorja tal-appellant, hija ukoll soġġettivament eċċessiva stante li essenzjalment, kif spjegat, l-appellant jista' biss jaħdem fuq vapuri Maltin billi huwa jispeċjalizza f'vapuri li jġorru prodotti kimiċi li huma fil-maġġoranza kbira tagħhom reġistrati Malta;*

32. *Illi l-Appellant jirrileva umilment illi jinkombi fuq l-Awtorita', fir-rwol kważi-ġudizzjarju li hi għandha, li tassigura li kull penali li hi tapplika kontra persuna li jitqies responsabbli għall-ksur ta' xi Regolament ikun proporzjonat mas-solidita' u saħħa finanzjarja tal-persuna u dan sabiex jigi aċċertat li l-persuna li tiġi penaliżżata għan-nuqqasijiet tagħha tiġi obbligata b'mod ġust li tħallas għan-nuqqasijiet li tkun wettqet izda madanakollu ma tiġix ukoll ridotta għall-istat fejn ma tistax terġa teżerċita l-professjoni tagħha;*

33. *Illi l-applikazzjoni ta' deċiżjoni ma tistax tkun sproporzjonata għall-għan li għalih ġiet imposta – jiġifieri li tippenalizza l-persuna għall-iżbalji tagħha kif ukoll li twassalha sabiex tirranġa' għemilha u tevita li tirrepeti l-iżbalji tagħha.*

34. *Illi bil-piena kif mogħtiha l-appellant qatt ma huwa ser jingħata l-opportunita juri li hu tgħallem mill-iżball tiegħu. Illi fil-fatt id-deċiżjoni, anki jekk intiża sabiex ikollha effett qawwi fuq minn jirċieviha, għandha xorta waħda tagħti l-possibilita' ta' riforma u ma tistax tkun ta' xkiel eċċessiv sabiex tali riforma effettivament isseħħ. Aħseb u ara li letteralment toħloq impossibilita' ta' riforma;*

35. *Illi fil-fehma tal-apellant it-TM ma tistax tagħmel użu minn din l-awtorita, li hija kjarament leżiva tad-dritt għal smiegħ xieraq*[1] *b'mod li timponi multi li huma kjarament eċċessivi u li mgħandhomx biss effett ta' deterrent iżda jistgħu iwasslu għall-falliment ta persuna;*

36. *Illi għalhekk, fil-fehma tal-appellanta, jeżistu l-ingredjenti kollha sabiex tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, dan l-Onorabbli Tribunal jogħġb jvarja l-piena inflitta fuq l-appellant għal waħda proporzjonata mal-fatti tal-każ u tal-allegat nuqqas in kwistjoni billi per ezempju hu jiġi multat ammont raġonevoli jew jiġi sospiz għal terminu raġonevoli mhux jiġi black listes għal perijodu indefinit;;*

---

[1]Ara fost l-oħrajn is-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali deċiża fit-3 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet Federation of Estate Agents (Numru ta' Reġistrazzjoni APA-53) v. (1) Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni), (2) L-Onorevoli Prim Ministru u (3) L-Avukat Ġenerali (87/2013 JPG)

*Ghaldaqstant, l-appellant, filwaqt li jagħmel referenza għall-atti kollha proċesswali u l-provi kollha prodotti u filwaqt li jirriserva d-dritt li jipproduċi provi ulterjuri, jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħgbu jilqa' dan l-Appell billi*

i) *Jilqa l-ewwel u/jew it-tieni u/jew it-tielet aggravju u għaldaqstant iħassar id-Deċiżjoni appellata u/jew*

ii) *Mingħajr preġudizzju għall-ewwel u/jew it-tieni u/jew it-tielet aggravju u alternattivament għalihom ivarja d-deċiżjoni billi jirriduċiha għall-penalita aktar ekwa u raġonevoli;*

*L-Appellant jirriserva ukoll kull dritt ta' rimedju gudizzjarju disponibbli għaliha, inklużi rimedji Kostituzzjonali għall-ksur tad-dritt tagħha ghal-smiegħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali kif ukoll mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan l-Appell qiegħed fil-fatt jiġi intavolat mingħajr ebda preġudizzju għal dan id-dritt Kostituzzjonali."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** pprezentata fid-19 ta' Ottubru 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"

*1. Illi, preliminarjament, l-Avukat Damien Degiorgio għandu jagħti prova tal-mandat speċjali mogħti lilu minn Ismael Serdar Yilmiz biex jintavola dawn il-proċeduri u jirrappreżentah fihom, oltre prova li l-istess Ismael Serdar Yilmiz huwa assenti minn Malta.*

*2. Illi, preliminarjament ukoll, l-imsemmi Ismael Serdar Yilmiz m'għandu assolutament ebda dritt illi jintavola appell minn deċiżjoni tal-Awtorita' rispondenti u dan state li, għalkemm huwa affettwat minn tali deċiżjoni, id-deċiżjoni ma ngħatatx fil-konfront tiegħu u ma ġietx kommunikata lilu iżda lis-soċjeta MRC Aleyna Shipping Corporation Limited. Dan bla preġudizzju għal rimedji oħra esperibbli mir-rikorrent Ismael Serdar Yilmiz skond il-liġi.*

*3. Illi, sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-sueċċepit, id-deċiżjoni tal-Awtorita' rispondenti illi minnha ġie intavolat dan l-appell hija waħda ġusta, korretta u skond il-liġi u dan kif se jiġi apjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, filwaqt li l-appell interpost huwa infondat kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.*

*4. Illi, fir-rigward tal-ewwel aggravju, u ċioe' l-ksur tal-prinċipju tal-audi alteram partem, l-Awtorita' rispondenti hija r-regolatur u hijiex entita' ġudizzjarja jew kwazi-ġufizzjarja u kwindi dan l-aggravju ma jreġġix. Il-leġiżlatur ħaseb proprju biex ikun hemm dritt t'appell minn deċiżjoni tal-Awtorita' quddiem dan l-Onorabbli Tribunal u dritt t'appell ulterjuri quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Konsegwentement m'hemmx dubju illi d-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq huwa ben protett. Oltre dan, lanjanzi ta' natura kostituzzjonali, bħlami l-lanjanza ta' vjolazzjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq (li miegħu jikkozza l-prinċipju tal-audi alteram partem) ċertametn li ma jaqgħux fil-kopetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal. F'dan ir-rigward l-Awtorita' rispondenti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-11 ta' Mejju, 2015 fil-proċeduri fl-ismijiet 'Eugene Cardona -vs- Awtorita' għat-Trasport f'Malta' (Rikors Numru 127/2013) li fiha ġie enunċjat kif ġej:*
*"Illi fir-rikors tal-appell odjern, ir-rikorrent iqajjem numru ta' aggravji, uhud rigwardanti lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu. Illi irid jinghad minnufih illi dan it-Tribunal*

*mhux kompetenti li jippronunzja ruhu fuq kwistjonijiet ta' lezjoni ta' tali drittijiet. Dan huwa certament il-kompetenza ta' forum iehor". Għaldaqstant dan l-aggravju għandu jiġi sommarjament miċħud.*

*5. Illi, fir-rigward tat-tieni aggravju, u cioe' n-nullita' tad-deċiżjoni tal-Awtorita' rispondenti minħabba nuqqas ta' motivazzjoni, dan l-aggravju wkoll ma jreġġix u għandu jiġi sommarjament miċħud. F'dan ir-rigward l-Awtorita' rispondenti għal darb'oħra tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-11 ta' Mejju, 2015 fil-proċeduri fl-ismijiet 'Eugene Cardona -vs- Awtorita' għat-Trasport f'Malta' (Rikors Numru 127/2013) li fiha ġie enunċjat kif ġej:*
*"Illi fir-rigward tal-ilment tar-rikorrent illi d-decizjoni tippekka in kwantu mhix motivata kif rikjesta mil-ligi, **it-Tribunal josserva illi l-ligi ma ssemmi xejn li l-istess decizjoni ghandha tkun motivata**."*

*Oltre dan id-deċiżjoni ssemmi biċ-ċar il-ksur imwettaq mill-appellant u anke d-data, lok u ċirkostanzi fejn u meta ġie mwettaq tali ksur, u għalhekk ċertament li ma jistax jingħad illi d-deċiżjoni – li għandu jiġi sottolineat hija deċiżjoni amministrattiva meħuda minn regolatur u mhux deċiżjoni ġudizzjarja meħuda minn qorti, bord jew tribunal – mhijiex suffiċjentement motivata.*

*6. Illi, fir-rigward tat-tielet aggravju, u ċioe illi l-piena inflitta hija eċċessiva u sproporzjonata, jiġi rilevat is-segwenti:*
*(i) fl-ewwel lok, ex admissis l-appellant mhuwiex qiegħed jikkotesta s-sejbien tal-ħtija iżda qiegħed jikkotensta biss il-piena inflitta, u cioe' li huwa ġie black-listed u kwindi ma jistax jaħdem fuq vapuri reġistrati f'Malta; u*
*(ii) fit-tieni lok, id-deċiżjoni meħuda hija deċiżjoni korretta fid-dawl tal-vjolazzjoni mwettqa mill-appellant Ismael Serdar Yilmiz. Bażikament il-fatti huma illi l-Awtorita' rispondenti rċeviet mingħand il-Pulizija Olandiża rigwardanti kontravenzjoni ta' Rule 10c tal-International Regulations for Preventing Collisions at Sea, 1972 (kopja hawn annessa bhala Dok. 'A') minn fejn irrizulta illi fl-1 t'Awissu, 2020 waqt li l-vapur reġistrat f'Malta 'Aleyna Mercan', kapitanat mill-appellant, kien qed ibaħħar fin-North Sea 'il barra mill-ibħra territorjali Olandiżi, twettqet manuvra li fiha l-imsemmi vapur iddevja mir-rotta tiegħu u qasam it-traffic lane in vjolazzjoni tar-regolamenti, kif ammess mill-istess appellant fir-rapport hawn anness bħala Dok. 'A'. Tali vjolazzjoni hija waħda ta' natura gravi u għalhekk id-deċiżjoni tal-Awtorita' rispondenti hija ġusta u korretta.*

*7. Illi għal dawn il-motivi kollha l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż."*

Ra illi t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata hija ta' natura preliminari u ghalhekk giet trattata fis-seduta tat-18 ta' Dicembru 2020;

Ra l-affidavit tar-rikorrent Ismail Serdar Yilmaz;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghal sentenza dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent huwa Kaptan ta' bastimenti li jgorru prodotti kimici u hass ruhu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata tas-16 ta' Settembru 2020 li permezz taghha gie *black listed* milli jista' jigi mpjegat fuq kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera Maltija.[2]

Illi mill-atti pprezentati sa issa jirrizulta illi l-Awtorita` intimata kkonduciet investigazzjoni fuq vjolazzjoni allegatament imwettqa mir-rikorrent fuq vapur registrat f'Malta waqt li kien qieghed ibahhar fin-*North Sea*, u dan wara li l-istess Awtorita` irceviet rapport minghand il-Pulizija Olandiza.[3]

Illi wara l-imsemmija investigazzjoni, l-Awtorita` waslet ghall-konkluzzjoni illi r-rikorrent kien mar kontra l-*International Regulations for Preventing Collisions at Sea*, maghrufa bhala l-COLREG, u precizament kontra Regolament 10 (c) tal-istess.

Illi ghaldaqstant l-Awtorita` intimata ghaddiet biex timponi sanzjoni fuq ir-rikorrent, liema sanzjoni gharrfet biha lill-Kumpanija li kienet thaddem lir-rikorrent, u *cioe`* Aleyna Shipping Corporation Limited, permezz ta' ittra bis-suggett ikun ***"Capt. Ismail Serdar Yilmaz – Endorsement No: 71172 – Expiry Date: 13 March 2022".***

Illi jirrizulta li s-socjeta` Aleyna Shipping Corporation Limited gharrfet b'din id-decizjoni lir-rikorrenti u waqqfitlu l-impjieg tieghu. In vista' tad-decizjoni tal-Awtorita` intimata, ir-rikorrent intavola l-appell odjern.

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghha l-Awtorita` intimata tishaq illi r-rikorrenti ma kellux dritt jintavola dan l-appell ghaliex id-decizjoni appellata hija ndirizzata lis-socjeta` MRC Aleyna Shipping Corporation Lmited u mhux lilu personalment. Din l-eccezzjoni hija bazata fuq il-fatt illi, skont l-Awtorita` intimata, ghandu dritt jappella biss dik il-persuna li lilha tkun indirizzata d-decizjoni taghha.

Illi minghajr ebda ezitazzjoni, it-Tribunal huwa tal-fehma illi din l-eccezzjoni hija wahda fiergha. Dana ghaliex ghalkemm is-socjeta` MRC Aleyna Shipping Corporation Limited, li maghha kien impjegat ir-rikorrenti, kienet se tigi affetwata avversament, l-iktar persuna li sofriet pregudizzju bid-decizjoni appellata kien fil-fatt ir-rikorrent u dana peress li bid-decizjoni tal-Awtorita`

[2] Dokument A a fol. 9
[3] Dokument A a fol. 22

intimata huwa tilef l-impjieg tieghu u ma setghax ifittex impjieg iehor ma' bastiment li jtajjar il-bandiera Maltija.

Illi dan it-Tribunal filwaqt li jifhem li l-Awtorita` intimata riedet iggib a konjizzjoni l-fatti kif irrizultawlha lis-socjeta` Aleyna, madankollu naqset meta ma ndirizzatx id-decizjoni taghha direttament lir-rikorrent, u dana peress essenzjalment id-decizjoni kienet tolqot direttament l-operat tieghu. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi amministrattivament il-komunikazzjoni kellha tkun mod iehor, u cioe`, illi d-decizjoni tigi direttament indirizzata lir-rikorrenti, bhala s-suggett tad-decizjoni, filwaqt li l-Kumpanija li thaddmu kellha tigi mgharrfa ufficjalment bl-istess decizjoni.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalkemm id-decizjoni appellata mhix indirizzata lir-rikorrent, is-suggett tal-istess decizjoni huwa r-rikorrent innifsu u kwindi kellu kull dritt li jappella mill-istess decizjoni.

Kwindi t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita' intimata qieghda tigi respinta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq espressi, qieghed jichad it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jordna t-tkomplija tas-smiegh tal-kawza.

Spejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-Awtorita` intimata.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**